MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Rikors Numru. 470/1997/1

George Montebello
vs
Air Malta Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ Marzu tal-1995 huwa sofra ingustizzja f’li ma nghatax il-fakulta li jaghmel ezami necessarju biex jinghata promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien dahal jahdem mal-kumpanija intimata fit-8 ta’ Mejju 1978, bhala ‘spray painter’.

Fl-1980, biex itejjeb il-paga u l-posizzjoni tieghu fi hdan l-istess kumpanija, ir-rikorrent kien qaleb ghal “Store Keeper”. Dan kien meqjus bhala grad ta’ tradesman.

F’Jannar tal-1995, bhala ezercizzju ta’ riorganizzazzjoni tal-gradi tat-tradesman, kienu bdew isiru ezamijiet biex minn grad ta’ tradesman wiehed isir “leading tradesmand”. Ir-rikorrent, li kien intitolat jaghmel dan l-ezami, iddahhal l-isptar minhabba attakk tal-qalb li sofra proprju fiz-zmien meta kellu jsir dan l-ezami. Ghaldaqstant, huwa ma kienx seta’ jaghmel dan l-ezami f’dak il-perjodu partikolari.

Ir-rikorrent kien dahal lura ghax-xoghol f’Marzu ta’ l-istess sena. F’dan il-perjodu, l-ezamijiet ta’ riorganizzazzjoni kienu ghadhom qed isiru u ghaldaqstant ir-rikorrent kien gie mwieghed mill-Head Manager, is-Sur Anthony Cachia, illi kien ser jinghata l-opportunita` illi joqghod ghall-ezami.

Din l-opportunita` pero` qatt ma kienet inghatat lir-rikorrent minkejja l-insistenzi tal-General Workers Union, li huwa kien membru taghha, biex l-istess rikorrent jinghata l-opportunita’ li jaghmel l-ezami.

Mill-banda l-ohra, kollegi tar-rikorrent li kienu ghamlu l-ezami, kienu nghataw il-promozzjoni ghal “leading tradesman” u dan b’effett minn Jannar tal-1993.

Kien biss fl-1 ta’ Mejju 1997, ir-rikorrent sar “leading tradesman”.

Minhabba din l-ingustizzja, ir-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa kien gie mtellef l-opportunita` illi jaghmel l-ezami biex jilhaq Leading Tradesman f’Marzu tal-1995 u ghaldaqstant, tilef l-opportunita` illi jiehu din il-promozzjoni b’effett minn Jannar tal-1993.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjoni ta' "leading tradesman" b'effett minn Jannar tal-1993 u li jithallas l-arretrati tal-paga minn Jannar tal-1993 sa l-ahhar ta' April 1997, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000, u dana taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-socjeta' Air Malta Company Limited li eccepiet:

Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi kontrarjament ghal dak li qed jigi allegat, ir-rikorrent ma qaghadx ghall-ezami ta' "Leading Tradesman" mhux ghax kien ma jiflahx jew ghax ma inghatax l-opportunita`, izda ghax ma riedx joqghod ghal ftehim li kien hemm bejn is-socjeta` intimata u l-Union li tirrapprezenta lir-rikorrent, u cioe` li sabiex ikun eligibbli ghall-ezami ta' "Leading Tradesman" huwa kellu jobbliga ruhu li jirrizenja minn storekeeper kemm-il darba jghaddi mill-ezami (Dok A).

2. Illi r-rikorrent ma riedx li jaghmel dan u ppretenda li jkompli jahdem ta' store keeper bil-paga ta' "Leading Tradesman".

3. Illi hekk kif ir-rikorrent iddecieda fit-13 ta' Marzu 1997 li joqghod ghal din l-obbligazzjoni (Dok B u C) huwa seta' joqghod ghall-ezami u jekk jghaddi jilhad "Leading Tradesman" kif fil-fatt gara' (Dok D).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u ghar-ragunijiet ohra li jistghu jinqalghu waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-intimat talab lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat u dokumenti esebiti.
Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Meta xehed ir-rikorrent hu kkonferma dak li jinsab a fol 1, 2 u 3 tal-process. Meta xehed in kontro-ezami semma li hu kien jaf li kien hemm il-kundizzjoni li biex isir Leading Tradesman ried jirrinunzja ghal Storekeeper. Semma li ma kienx ghamel dikjarazzjonijiet bil-miktub qabel l-1987 pero` verbalment kien hemm okkazjoni fejn kien qalilhom li lest li jirrezenja. Fil-fatt shabu kollha saru barra minnu.

Xehed Tony Zarb li ghandu l-kariga Segretarju Generali tal-General Workers` Union u dak iz-zmien tal-kaz kien Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport. Semma li fil-bidu kien il-kaz tal-haddiema kollha li kellhom il-grad ta` Tradesman fil-workshops tal-AirMalta u kienu ghamlu ftehim mal-kumpanija li kull min ghandu l-grad ta` Tradesman ghandu jaghmel test biex jinghata l-opportunita` biex isir fil-grad ta` Leading Tradesman. Infatti l-kumpannija mxiet li lill-haddiema kollha tathom dina l-opportunita` hlief lil Montebello ghalkemm kien hemm perjodi fejn il-kumpanija bdiet tindikalhom li minn zmien ghal ftit iehor lir-rikorrent Montebello kienet ser tghajjatlu biex jaghmel it-test bhall-ohrajn. Montebello kien ilu Tradesman minn mindu dahal mal-kumpanija.

Semma li l-kumpanija kienet ghamlet zmien ukoll tuza lil Montebello l-istores tal-istess workshop u l-l-kumpanija kienet tat indikazzjoni li lil Montebello kellha bzonnu fl-istores. L-agreement kien jitkellem car li t-tradesman kollha, kull min hu tradesman jinghata l-opportunita` li jaghmel it-test biex jinghata l-opportunita` li jmur fil-grad ta` Leading Tradesman. L-Agreement li kien qed jirreferi

ghalih kien dak ta' bejn il-General Workers` Union u l-kumpanija intimata.

Meta xehed fit-12 ta' Frar 2001 is-Sur Zarb semma li fil-kaz ta' Montebello biex jilhaq Leading Tradesman kien hemm zewg problemi u cioe` l-fatt li l-kumpanija kellha bzonnu bhala storekeeper, il-kariga li kien fil-fatt qieghed jahdem fiha oltre l-problema li kien hemm dwar sahhtu.

Xehed li hu kien konvint li Montebello ried jitlaq mill-pozizzjoni li kien ghax kien gie diversi drabi l-General Workers' Union biex jilmenta dwar dan il-fatt u lilu Montebello kien qallu specifikament li jrid jitlaq mill-grad ta' Storekeeper biex jilhaq Leading Tradesman, liema kariga ta' Leading Tradesman tinkorpora diversi affarijiet.

Kien ir-rikorrent biss li mill-Grupp ta' Tradesman ma lahaqx il-kariga ta' Leading Tradesman.

Xehed Ronnie Pellegrini Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport tal-General Workers` Union. Semma li kien ha over minghand is-Sur Tony Zarb. Il-kaz tas-Sur Montebello kien li ma hallewhx jaghmel it-test biex isir leading tradesman waqt li haddiehor sar u hu le.

Meta dahal fil-kwistjoni hu kienu bdew bid-diskussjonijiet mal-kumpanija u fl-1997, il-kumpanija rat li s-sottomissjonijiet taghhom kienu gustifikati u fil-fatt hallewh jaghmel it-test u nghata l-appointment. Ix-xoghol tar-rikorrent kien ta` storekeeper.

Fil-kaz tar-rikorrent il-kumpanija kienet baqghet issostni li ma taghtix lir-rikorrent way back mill-1993, u dan minghajr ebda raguni valida. Fil-kaz tat-tmienja l-ohra kienu accettaw u fil-kaz tar-rikorrent le ghalkemm raguni qatt ma nghataw.

Xehed Anthony Degiovanni li jahdem mal-Airmalta u dam jahdem sa Marzu 1999 u kellu l-kariga ta` co-ordinator employee relations. Semma li kienu saru negozjati bejn il-kumpanija u l-General Workers` Union dwar il-kaz tal-Leading Tradesmen. In segwitu ta` xi ilmenti li kellhom fil-

kumpanija dwar il-kaz ta` tradesmen, kienu waslu ghad-decizjoni li joholqu l-kariga ta` Leading Tradesmen, liema ftehim sar mal-Union u kellu japplika ghal certu kategoriji. F’wahda minn dawn fejn ma setax ikun hemm il-kariga ta` Leading Tradesman kienet fil-kaz ta` storekeeper u G.P.U. operators pero` xorta wahda kienu ftehmu mal-union li jekk dawk in-nies juru kapacitajiet specjali u kellhom is-sengha, xorta wahda kienu disposti li jaghtuhom din il-kariga, basta li wara li jiehdu l-kariga ta` Leading Tradesman jahdmu f`dik il-kariga u mhux f’kariga ohra.
Semma li lir-rikorrent jafu u dan kien jahdem mal-Air Malta bhala Storekeeper u precedentement bhala sprayer. Kien hemm xi hamsa minn nies li kienu G.P.U.’s u fosthom ir-rikorrent, li kienu riedu jibqghu jaghmlu xorta wahda x-xoghol li kienu jaghmlu qabel u mhux jaghmlu x-xoghol ta` Leading Tradesman. Mistoqsi jekk qattx kienet li r-rikorrent kiteb li ma jridx jaccetta li joqghod Leading Tradesman, irrisponda li le pero` zied jghid li kien qalilhom li ma kienx dispost u li f`din l-okkazjoni kien hemm Tony Cachia prezenti.

Ikkonferma li fil-prezenza tas-Sur Cachia kienu qalu lir-rikorrent li jekk hu dispost li jitlaq minn storekeeper huma kienu disposti li jsirlu l-ezami ghall-Leading Tradesman. Il-laqgha kien talabha r-rikorrent stess. Minuti tal-laqgha ma kienux inzammu u anqas biss kellu rapprezentant mieghu r-rikorrent izda kien wahdu meta gie. Dak iz-zmien is-Sur Cachia kellu l-kariga ta’ head ta’ din it-taqsima.

Giet esebita kopja ta’ ittra mibghuta mir-rikorrent lil Mr J P Farrugia Manager Personnel Dok GAX a fol 49 tal-process datata 11 ta’ Gunju 1991 li fiha hemm il-kliem:

“May I please submit my request for a transfer from my present position as Storekeeper with the Workshop Section, Ground Operations Department to a similar posting with Engineering Department should any vacancy arise. Hoping my request will be given consideration.”

Xehed Tony Cachia Head Maintenance and Properties mal-AirMalta li semma li jaf lir-rikorrent u lis-Sur Montebello jiftakru fil-kariga ta' Storekeeper ghalkemm kellu s-sengha specifika ta' Spray Painter. Semma li fl-1995 meta kien gie moghti l-kariga ta' Head Ground Equipment Maintance u kien moghti l-inkarigu specifikament biex jiccara l-kaz tal-Leading Tradesmen, l-interviews taghhom. Il-Ftehim bejn il-General Workers' Union u l-AirMalta kien li dawk in-nies li kienu ghamlu l-interview li kien ukoll forma ta' ezami, pero` orali, kellu jekk ikun Tradesman, jilhaq Leading Tradesman. Kien hemm il-kundizzjoni li biex persuna tilhaq Leading Tradesman f'dik is-sengha persuna trid tkun qieghda taghmel ix-xoghol ta' Tradesman propju f'dik is-sengha. Fil-fatt ir-rikorrent ma setax jilhaq Leading Tradesman u jibqa' fl-istess hin jokkupa l-kariga ta' Storekeeper.

Xehed li r-rikorrent lilu qatt ma qallu li hu kien lest jitlaq ix-xoghol ta' storekeeper. Anzi semma meeting meta kien qieghed mas-Sur Degiovanni u effettivament ir-rikorrent ma kienx wera d-dispozizzjoni tieghu li jitlaq minn Storekeeper. Ma ftakarx jekk in-nies kienux applikaw jew jekk kenitx il-kumpanija li fil-fatt baghatet ghalihom.

Semma li fil-laqgha li kien hemm bejn is-Sur Degiovanni u r-rikorrent kellu l-impressjoni li kien hemm xi hadd mill-General Workers' Union mieghu u li kienet ir-regola normali li jkun hemm rapprezentant tal-union.

Dwar l-ittra li tal-11 ta' Gunju 1991 xehed li dwar din l-ittra ma kienx jaf biha ghax tidher li ferm qabel zmienu.

**KONKLUZJONIJIET:**

F'dan il-kaz it-Tribunal ghandu verzjonijiet kontradistinti ma' xulxin. Fil-fatt ir-rikorrent kien sostna illi hu wara li kien Tradesman u kien intlahaq ftehim mal-General Workers Union biex jistghu jinhatru bhala Leading Tradesman ma kienx gie mholli jaghmel l-interview u dan senjatament ghax meta kienu qeghdin isiru l-interview effettivament kien indispost u wara ma thalliex jaghmlu. Minn naha l-ohra xehdu Anthony Degiovanni u Anthony Cachia li sostnew dak li hemm fin-nota ta' eccezzjonijiet u

effettivament ir-rikorrent ma kienx dispost li jekk isir Leading Tradesman jitlaq ix-xoghol ta’ Storekeeper.

Ir-rikorrent ikkonferma r-rikors bil-gurament. Meta xehdu Tony Zarb u Ronnie Pellegrini dan il-punt ma giex sollevat izda kienet anzi dejjem l-impressjoni li r-rikorrent kien interessat li jaghmel l-ezami ta’ Leading Tradesman. Minn naha l-ohra Anthony Degiovanni u Anthony Cachia jaghtu l-impressjoni illi dan ma kienx minnu u li fil-fatt ir-rikorrent ma kienx dispost illi jaccetta illi ma jibqax jahdem ta’ Tradesman. Izda filwaqt li Anthony Degiovanni semma li din l-offerta kienet saret lil Montebello u li hu ma kienx wera id-disposizzjoni tieghu li jghid iva, Degiovanni semma li ma nzammux minuti tal-laqgha u li r-rikorrent ma kellu ebda rapprezentant mieghu izda kien wahdu, waqt li Cachia wara li jaghti l-istess verzjoni li r-rikorrent ma kienx dispost li effettivament jitlaq il-kariga ta’ Tradesman sostna li ma jiftakarx il-kaz partikolari izda normalment meta kienu jiltaqghu biex jiddiskutu dwar kwistjonijiet bhal dawk ikun hemm ir-rapprezentant tal-Union u ma kienx jaf jekk kienx hemm xi hadd tal-Union mar-rikorrent.

It-Tribunal jikkonsidra illi f’dan il-kaz in-nuqqas huwa tal-kumpanija intimata. Kien jinkombi fuq il-kumpanija intimata illi jekk kienet hi li baghtet ghal haddiema (ghax is-Sur Cachia ma jiftakarx jekk kinetx il-kumpanija li baghtet ghal haddiema jew li applikaw huma) f’dak il-kaz huwa logiku li meta qed tibghat ghal promotion ta’ persuna dan ser jitlaq il-posizzjoni precedenti u li jekk kellhom xi dubbji dwar dan l-aspett fl-ittra fejn issir l-offerta biex jattendu ghall-interview setghet din facilment titnizzel bhala kundizzjoni biex wiehed jaghmel l-interview possibbilment setghet issir bil-miktub li biex wiehed jaghmel l-interview irid jibghat dan il-kunsens tieghu bil-miktub.

It-Tribunal ihossu meraviljat bil-fatt illi persuni li kienu proprju jahdmu fil-personnel ma jaghmlux haga bhal din. Minn naha l-ohra li kieku saret xi applikazzjoni setghet bl-istess mod titnizzel bhala wahda mill-kundizzjonijiet illi biex persuna tista’ tapplika hi qeghda tirrinunzja ghall-posizzjoni precedenti. Dan normalment ma jsirx izda jekk

ma kenitx qieghedha tinkwethom allura ma kellhomx ghalfejn ma jibghatux ghar-rikorrent ghall-interview. Minn naha l-ohra, jekk din il-haga kienet qieghedha tipprejokkuphom lis-socjeta` intimata f'dak il-kaz setghet titnizzel bhala wahda mill-kundizzjonijiet u tigi rikjesta l-firma ta' l-applikant. F'dan il-kaz ma sarx u ghalhekk it-Tribunal ihoss li n-nuqqas sar mill-kumpanija intimata u wkoll l-ingustizzja kif definita fil-Kapitolu 394 minhabba fiha r-rikorrent kien l-unika wiehed li ma hax il-kariga ta' Leading Tradesman.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijet tas-socjeta` intimata u peress li t-talba tar-rikorrent tidher gustifikata jilqa' l-istess talba, jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Leading Tradesman b'effett mill-istess data minn meta shabu hadu l-istess posizzjoni u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.